MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 225/2000/1

**U.D.C. Euro Limited**

**vs**

**Mario Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' disa mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm975) rapprezentanti somma dovuta ghall-hlas ta' xoghol u installazzjoni ta' bieb ta' garaxx maghmul mis-socjeta attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-installazzjoni inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tad-19 ta' Novembru 1998 u tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Dicembru 1998 u Settembru 1999.

Il-konvenut nomine gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 7 tal-atti):

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi, in linea preliminari l-eccipjenti qatt ma ordna l-installazzjoni ta’ bieb ta’ garaxx, izda semmai l-ordni saret mill-eccipjenti personalment u mhux fil-kwalita’ tieghu bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta Burmarrad Commercials Limited.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-bieb in kwistjoni ma giex installat skond kif tirrikjedi is-sengha u l-arti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-ftehim kien li l-prezz tal-bieb jithallas permezz ta‘ tpartit liema ftehim ma inzammx da parti ta’ l-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f’dan il-kaz, jidher li jkun opportun li jigi konsiderati u decizi, t-tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Dwar danni ghandu jinghad is-segwenti:-

1) In rigward l-ewwel eccezzjoni, kif proposta u ta’ natura preliminari, hu ovvju, li meta giet intavolata l-azzjoni in esami, il-konvenut gie mharrek <u>personalment</u> sabiex jwiegeb ghal dak pretiz fl-avviz. Difatti kif mharrek, il-konvenut ma inghata ebda kwalifika fis-sens ta’ “bhala direttur u in rappresentanza ta’ …..” fis-sens li qed jirrapresenta xi personalita’ guridika. Filfatt jidher car mill-istess avviz li l-konvenut, f’ismu proprju gia mharrek ghall-istess ghan msemmi, f’ismu proprju izda kellu jigi notifikat fl-indirizz ta’ socjeta kummercjali. Ghalhekk lanqas ma kien mehtieg li jigi verbalizzat dak imnizzel a fol 19 tal-

istess atti. Bhala konsegwenza, din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

2) Dwar it-tieni eccezzjoni li tghid li "il-bieb in kwistjoni ma giex installat skond kif tirrekedi is-sengha u l-arti", il-konvenut meta xehed (a fol 21 ibid) jidher li lmenta li "kien twahhal mal-istess bieb mutur second hand". Hu kompla jghid illi dan "thalla fil-post ghal xi gimghatejn sakemm ingieb makkinarju gdid minn barra u twahhal fuq il-post". In rigward dan, hu testwalment, kompla jghid "La darba nbidel il-makkinarju nghid li l-kwistjoni ma hiex fuq dan il-makkinarju" (ara ukoll fol 14 ibid). Fid-dawl ta' dak li ghadu kemm intqal l-istess Qorti ma tistax tifehm kif seta' jigi allegat mill-konvenut illi l-bieb stallat ma kienx skond l-arti u s-sengha.

3) Il-konvenut, in rigward it-tielet eccezzjoni jasserixxi fl-istess xhieda a fol 21, li "….. l-ftehim kien a bazi ta' bartering. Jiena ftehmt ma Paulsam (ara fol 20 ibid)". Pero, peress li din il-kumpanija, gestita minn Sam Khalil (ara fol 27 et seq ibid) ma kelliex, disponibbli l-bieb kif mehtieg mill-konvenut, dan (Sam Khalil) qal lill-konvenut "li ser insiblu lil xi hadd li kellu bieb bhal dan li ried" ossija s-socjeta attrici b'Lino Debono (fol 12 et seq ibid) u martu, rispettivament bhala azzjonista u "managing director". In konnessjoni ma dan il-punt, il-konvenut spjega (a fol 21 ibid) illi "…. Kien sar ftehim dwar il-prezz ma Lino Debono jew in-nies tieghu" u "Jiena naqbel li l-ammont ta' Lm975 mitlub fl-avviz huwa dak l-ammont mifthiehm bhala prezz tax-xoghol in kwistjoni". Difatti mid-dokument ossija "quotation" esebita "in atti" a fol 17, hu qabel mal-kontenut ta' dan id-dokument u kkonferma li l-kliem "Agreed on Lm900, Per Tel Conversation" gew miktuba minnu stess (ara ukoll ix-xhieda ta' Lino Debono a fol 14 ibid dwar dan il-punt). Jigi notat li fl-istess dokument, waqt li hemm accenn ghall-prezz ossija valur tax-xoghol in esami, ma hemm ebda accenn li l-konvenut kellu jhallas lis-socjeta' attrici permezz ta' sistema ta' bartering", kif allega fit-tielet eccezzjoni sollevata minnu. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta in vista li bl-ebda mod ma irrizulta minn xi prova li tista' toqghod fuqu, li l-pagament kellu jsir b'din is-sistema u mhux li flus kontanti (ara ukoll

l-ahhar paragrafu a fol 15 kif ukoll l-ewwel wiehed a fol 16 dwar l-ammont golbali pretiz fl-avviz).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm975.00,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Novembru 1998 u ta' dawk ufficjali tat-30 ta' Dicembru 1998 u ta' Settembru (minghajr data) 1999 imsemmijin fl-istess avviz.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur